



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.8.2014
COM(2014) 523 final

ANNEX 1

ANNEX

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU .../2014
li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

tal-

Proposta għal Deċizzjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda fil-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni
f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet
(Linji tal-Baġit 02.03.01 u 12.02.01)**

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014

ta'

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim taż-ŻEE"), u partikolarment l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE fl-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-operat u l-iżvilupp tas-Suq Intern.
- (2) Huwa xieraq li din il-kooperazzjoni tkompli lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2013 anke jekk din id-Deċiżjoni tkun adottata, jew jekk ir-rekwiżiti kostituzzjonali li jista' jkun hemm għal din id-Deċiżjoni, jiġu nnotifikati bħala ssodisfati wara l-10 ta' Lulju 2014.
- (3) L-entitajiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA għandhom ikunu intitolati jipparteċipaw fl-attivitajiet li jibdew qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni. L-ispejjeż imġarrba għal dawn l-attivitajiet, li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2014, jistgħu jitqiesu eliġibbli taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għal spejjeż imġarrba minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE, sakemm din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ qabel ma tintemm l-azzjoni konċernata.
- (4) Għalhekk, il-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat sabiex jippermetti li din il-kooperazzjoni estiża tkompli għaddejja anke wara l-31 ta' Diċembru 2013,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 7 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 8:
 - '9. L-Istati tal-EFTA, mill-1 ta' Jannar 2014, jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-Unjoni relatati mal-linji baġitarji li ġejjin, imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014:
 - **Linja tal-baġit 02.03.01:** "L-operat u l-iżvilupp tas-suq intern partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali",
 - **Linja tal-baġit 12.02.01:** "L-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern."

l-ispejjeż imġarrba għal attivitajiet li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2014, jistgħu jitqiesu eliġibbli mill-bidu tal-azzjoni taħt il-ftehim tal-

għotja jew id-deċiżjoni tal-għotja konċernata, sakemm id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE No.../2014 ta' ... tidħol fis-seħħ qabel tmiem l-azzjoni.”

2. Il-kliem “paragrafi 5, 6, 7 u 8” fil-paragrafi 3 u 4 jiġu ssostitwiti bil-kliem “paragrafi 5 sa 9”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim taż-ŻEE*.

Din tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, .

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President*

*Is-Segretarji
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

* [Mhumiex indikati rekwiżiti kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]